# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM it-Tlieta, 26 ta' Marzu, 2024.**

**Kawża Nru. 7**

**Rik. Nru. 390/11JRM**

**TA' MATTEW FISH FARM LTD (C – 38027)**

vs

**DIRETTUR-ĠENERALI GĦAR-REGOLAZZJONI TAL-BIEDJA U SAJD** u l-Avukat Ġenerali, illum imsejjaħ l-Avukat tal-Istat

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors maħluf imressaq fit-18 ta' April, 2011, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, il-kumpannija attriċi talbet lil din il-Qorti ssib: (i) li l-ordni mogħti lilha mid-Direttur imħarrek fl-ittra uffiċjali tiegħu tat-23 ta' Novembru, 2010 (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-Ordni"), biex tħarrab fil-baħar kwantità ta' ħut (tonn) ma għandu l-ebda effett u /jew huwa ordni abbużiv għaliex ingħata lil hinn ("*ultra vires*") mis-setgħat lilu mogħtija mil-liġi għar-regolazzjoni tal-biedja u s-sajd; (ii) li, minkejja l-ewwel talba, f'kull każ l-Ordni

mogħti biex jitħarrab jew jinqatel il-ħut ma jiswiex u huwa mingħajr effett għaliex il-ħut li dwaru ngħata mhux milqut mill-*Bluefin Catch Document* (BCD) mertu tal-każ; (iii) li l-imsemmi Ordni biex jitħarrab jew jinqatel il-ħut ma jiswiex u huwa mingħajr effett għaliex jikser l-aspettattivi leġittimi tagħha ladarba t-tonn kollu li għandha fil-pussess tagħha huwa mħares b'BCDs differenti minn dawk li dwarhom inħareġ l-Ordni attakkat, u li hija qiegħda żżomm il-ħut kollu tagħha b'ħarsien tal-liġi u ma jistax ikun suġġett għal ordni bħal dak; (iv) li l-Ordni ma jiswiex u huwa bla effett u/jew huwa abbużiv għaliex imsejjes fuq premessi foloz minħabba li t-tonn esportat lejn il-Korea u li jissemma fid-Dokument FF02 inqabad u ddaħħal fil-*farm* tagħha b'mod legali, kif kienu jitolbu r-regolamenti fis-seħħ dakinhar u wara li l-BCDs kollha rilevanti kienu validati mill-awtoritajiet konċernati u ma kien instab fihom xejn ħażin dwar il-ħut li kien intbagħat barra (esportat) minn Malta; (v) li l-Ordni għat-tħarrib u/jew il-qerda tat-tonn hija bla siwi u mingħajr effett u wkoll abbużiva għax imur kontra l-aspettattivi leġittimi tagħha sakemm ma hemm l-ebda problema ta' kontroll tas-sajd u jinsab f'idejha b'mod legali; (vi) li l-Ordni huwa bla siwi u mingħajr effett għaliex imur kontra l-aspettattivi leġittimi tagħha billi t-tonn kollu milqut b'dak l-Ordni kien esportat minn Malta bis-saħħa ta' dokumenti li kienu validati kif imiss mill-awtoritajiet tas-sajd Maltinfuq tagħrif li seta' jkun verifikat dak il-ħin stessu għalhekk wara li kien meħlus għall-esportazzjoni validament u b'mod irrevokabbli; (vii) li l-Ordni ma jiswiex, u huwa bla effett u abbużiv għaliex mogħti "*ultra vires*" is-setgħat tal-imħarrkin għaliex ma setax jingħata ordni bħal dak li ngħata; (viii) li l-Ordni għat-tħarrib jew il-qatla tat-tonn jikser il-jeddijiet fundamentali tagħha kif imħarsa fl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni (Ewropeja) għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta; u (ix) li l-Ordni għat-tħarrib jew il-qatla tat-tonn, safejn dak l-Ordni jitqies bħala miżura ta' kastig, jikser il-jeddijiet fundamentali tagħha kif imħarsin fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Talbet l-ispejjeż, magħduda dawk ta' protest ġudizzjarju, u żammet sħaħ il-jeddijiet tagħha għal kull azzjoni oħra lilha spettanti taħt il-liġi;

Rat id-digriet tagħha tat-28 ta' April, 2011[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-kumpannija attriċi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrkin fil-25 ta' Mejju, 2011, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra laqgħu għall-azzjoni attriċi billi warrbu l-allegazzjonijiet kollha tal-kumpannija attriċi bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt għaliex jgħidu li l-Ordni nħareġ taħt setgħa li l-liġi tagħti lid-

[1] Paġġ. 28 – 9 tal-proċess

Direttur imħarrek, kif jgħid l-artikolu 4(1) tal-Kapitolu 425 tal-Liġijiet ta' Malta[2] u l-artikolu 91 tar-Rakkomandazzjoni 8/05 taħt ir-Regolament tal-Kunsill 302/2009 tas-6 ta' April, 2009. Dan l-Ordni nħareġ minħabba li, dak iż-żmien, it-tonn tax-xewka kaħla ("*blue fin tuna*") kien għoddu nqered mill-ibħra tal-Mediterran minħabba sajd bla rażan, u kienet għalhekk inħasset il-ħtieġa li jittieħdu miżuri imminenti ta' kontroll rigoruż biex ma jinqeridx l-istokk ta' dik il-ħuta minn wiċċ l-art. Żiedu jgħidu li l-Ordni nħareġ wara li rriżulta li l-kumpannija attriċi qabdet mitejn u disgħa u għoxrin (229) tonna aktar minn dak li kienet irreġistrata li tistad, u kien jitlobha biss biex tħarrab dak l-għadd żejjed ta' tonn li kienet stadet. L-Ordni nħareġ fid-dawl ta' ftehim milħuq bejn il-Ġappun u l-Unjoni Ewropea fis-27 ta' Mejju, 2010, u li kien jgħodd fih għadd ta' rakkomandazzjonijiet dwar kif l-għadd ta' tonn tal-pinna l-kaħla seta' jerġa' jitkattar u dwar kif għandu jinżamm tagħrif u reġistrazzjoni tal-qabdiet li jsiru ta' dik l-għamla ta' ħut. Huma jgħidu li, minkejja t-twissija li ngħatat, il-kumpannija attriċi għamlet ta' rasha u ma tatx każ ta' x'intalbet tagħmel. Jiċħdu li t-tonn mertu ta' dan l-Ordni kien intbagħat kollu lejn il-Korea, billi jgħidu li biċċa minnu kien esportat lejn il-Ġappun, u jiċħdu wkoll li, qabel ma fetħet din il-kawża, il-kumpannija attriċi kienet bagħtitilhom xi protest ġudizzjarju jew xi interpellazzjoni oħra. Iżidu jgħidu li ma nkisret bl-ebda mod xi aspettattiva leġittima tal-kumpannija attriċi u l-fatt li xi ħut milqut bl-Ordni seta' kien laħaq inbiegħ ma jżommx lid-Direttur imħarrek milli joħroġ ordni biex ammont ekwivalenti ta' ħut miżmum fil-*farm* jitħarrab biex jagħmel tajjeb għat-tonn maqbud żejjed. Fl-aħħarnett, l-imħarrkin qalu li, sewwasew dwar l-Ordni, huma fetħu kawża quddiem din il-Qorti[3] biex jitolbu l-provvedimenti meħtieġa għall-eżekuzzjoni tiegħu;

Rat id-digriet tagħha tat-23 ta' Ġunju, 2011[4], li bih u għall-finijiet tal-artikolu 793 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat li l-atti tar-Rikors Maħluf 451/11, fil-kawża fl-ismijiet inversi, tinġieb ukoll quddiemha ħalli ż-żewġ kawżi jinstemgħu flimkien;

Rat id-digriet tagħha tat-23 ta' Ġunju, 2011, li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tiġbor il-provi tal-partijiet;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet u kif ukoll il-provi dokumentali rilevanti għall-każ;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija attriċi fit-3 ta' Ottubru, 2013[5];

---

[2] Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd (Att II tal-2001)
[3] Rik. Nru. 451/11JZM (aktar 'il quddiem miġjuba quddiem din il-Qorti kif presjeduta) li s-sentenza tagħha qiegħda tingħata llum ukoll
[4] Paġġ. 144 – 5 tal-proċess
[5] Paġġ. 229 sa 235 tal-proċess (l-oriġinal tagħha tressaq fl-atti ta' Rik. Nru. 416/11JRM)

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin fl-14 ta' Jannar, 2014[6];

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża, magħduda dawk tal-kawżi l-oħrajn imressqin flimkien magħha[7];

Rat id-digrieti li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. Il-kumpannija attriċi qiegħda tattakka Ordni maħruġ kontriha mid-Direttur-Ġenerali mħarrek f'Novembru tal-2010, fis-sura ta' att ġudizzjarju, li bih u għar-raġunijiet li tfissru fl-istess att ġudizzjarju, ordnalha tħarrab jew teqred mitejn u disgħa u għoxrin (229) tonna jiżnu tmienja u għoxrin elf, mitejn u tletin kilogramma punt tlieta (28,230.3kg) fi żmien ġimgħa. Il-kumpannija attriċi tikkontesta s-siwi ta' dak l-Ordni għal għadd ta' raġunijiet u tgħid li d-Direttur imħarrek mar lil hinn mis-setgħat li tagħtih il-liġi u ser iġibilha ksur tal-jeddijiet u l-aspettattivi leġittimi tagħha, minbarra wkoll ksur ta' jeddijiet fundamentali tagħha għat-tgawdija bil-kwiet tal-possedimenti tagħha u għal smigħ xieraq. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, il-kumpannija attriċi qiegħda titlob li din il-Qorti ssib li l-Ordni ma jiswiex u tħassru;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu billi l-Ordni nħareġ taħt setgħa li l-liġi tagħti lid-Direttur imħarrek, kif jgħid l-artikolu 4(1) tal-Kapitolu 425 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 91 tar-Rakkomandazzjoni 8/05 taħt ir-Regolament tal-Kunsill 302/2009 tas-6 ta' April, 2009. Dan l-Ordni nħareġ minħabba li, dak iż-żmien, it-tonn tax-xewka kaħla ("*blue fin tuna*") kien għoddu nqered mill-ibħra tal-Mediterran minħabba sajd bla rażan, u kienet għalhekk inħasset il-ħtieġa li jittieħdu miżuri imminenti ta' kontroll rigoruż biex ma jinqeredx l-istokk ta' dik il-ħuta minn wiċċ l-art. Żiedu jgħidu lil-Ordni nħareġ wara li rriżulta li l-kumpannija attriċi qabdet mitejn u disgħa u għoxrin (229) tonna aktar minn dak li kienet irreġistrata li tistad, u kien jitlobha biss biex tħarrab dak l-għadd żejjed ta' tonn li kienet stadet. L-Ordni nħareġ fid-dawl ta' ftehim milħuq bejn il-Ġappun u l-Unjoni Ewropea fis-27 ta' Mejju, 2010, u li kien jgħodd fih għadd ta' rakkomandazzjonijiet dwar kif l-għadd ta'

[6] Paġġ. 240 – 250 tal-proċess
[7] 415/11JRM, 416/11JRM u 417/11JRM li s-sentenzi tagħhom qegħdin jingħataw illum ukoll

tonn tal-pinna l-kaħla seta' jerġa' jitkattar u dwar kif għandu jinżamm tagħrif u reġistrazzjoni tal-qabdiet li jsiru ta' dik l-għamla ta' ħut. Huma jgħidu li, minkejja t-twissija li ngħatat, il-kumpannija attriċi għamlet ta' rasha u ma tatx każ ta' x'intalbet tagħmel. Jiċħdu li t-tonn mertu ta' dan l-Ordni kien intbagħat kollu lejn il-Koreja, billi jgħidu li biċċa minnu kien esportat lejn il-Ġappun, u jiċħdu wkoll li, qabel ma fetħet din il-kawża, il-kumpannija attriċi kienet bagħtitilhom xi protest ġudizzjarju jew xi interpellazzjoni oħra. Iżidu jgħidu li ma nkisret bl-ebda mod xi aspettattiva leġittima tal-kumpannija attriċi u l-fatt li xi ħut milqut bl-Ordni seta' kien laħaq inbiegħ ma jżommx lid-Direttur imħarrek milli joħroġ ordni biex ammont ekwivalenti ta' ħut miżmum fil-*farm* jitħarrab biex jagħmel tajjeb għat-tonn maqbud żejjed;

Illi għal dak li jirrigwarda l-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża, jirriżulta li l-kumpannija attriċi (minn issa 'l quddiem imsejħa "TMFF") hija mdaħħla fil-kummerċ ta' trobbija għall-esportazzjoni tat-tonn li hija tixtri mingħand sajjieda liċenzjati biex jistadu fil-Mediterran[8] u hija reġistrata mal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Ħarsien tat-Tonn Atlantiku (ICCAT)[9]. TMFF hija marbuta li t-tonn li tixtri għat-trobbija jkun reġistrat fuq dokumenti magħrufa bħala *Bluefin Catch Documents* (BCD) li huma għamla ta' dokumentazzjoni uffiċjali li timxi minn meta l-ħuta tinqabad sa ma tinqatel qabel tintbagħat barra;

Illi mal-medda taż-żmien, dak li hu mitlub jitniżżel fil-BCD inbidel. It-tonn milqut bl-Ordni ddaħħal fil-gaġeġ li TMFF għandha bl-ibħra Maltin fis-sajf tal-2008. TMFF tgħid li l-ħut milqut bl-Ordni ntbagħat kollu lejn il-Korea. L-imħarrkin jisħqu li, mit-tagħrif li ntbagħtilhom mill-awtoritajiet tal-Unjoni Ewropea, jidher li biċċa mit-tonn milqut bl-Ordni ntbagħat lejn il-Ġappun;

Illi ġara li xi tonn maqtul fir-razzett ta' TMFF fl-istaġun 2008, inżamm mill-awtoritajiet tal-Ġappun meta wasal hemmhekk[10], għaliex dawk l-awtoritajiet ma aċċettawx id-dokumenti li kienu jirrigwardaw dak il-ħut[11] u b'kollox f'dak l-istaġun, il-Ġappun żamm id-dħul ta' madwar tlitt elef (3,000) tunnellata metrika ta' tonn li kien intbagħat minn Malta. F'laqgħa bilaterali li saret bejn l-awtoritajiet tal-Unjoni Ewropea u l-Ġappun f'Mejju tal-2010, ingħataw spjegazzjonijiet u l-biċċa l-kbira tat-tonn miżmum – għajr għal madwar tletin (30) tunnellata metrika minnhom – inħeles u ddaħħal fis-suq fil-Ġappun. Fuq l-imsemmija tletin tunnellata, il-ftehim kien li l-ekwivalenti ta' dik il-kwantità ta' tonn ħaj kellha tinħeles mill-gaġeġ f'Malta. F'dik il-laqgħa bilaterali, TMFF u kumpanniji oħrajn Maltin milquta bil-miżura tal-awtoritajiet

[8] Affidavi ta' Joseph Caruana f'paġ. 196 tal-proċess
[9] Affidavit ta' Raymond Buġeja f'paġ. 193 tal-proċess
[10] Xhieda ta' Dr Andreina Fenech Farruġia f'paġġ. 157 – 8 tal-proċess
[11] Dok "A", f'paġ. 44 tal-proċess

Ġappuniżi kienu qabbdu persuni mill-Kummissjoni Ewropea dwar is-Sajd (DG Mare) biex jinnegozjaw f'isimhom u fl-interessi tagħhom;

Illi TMFF tgħid li hija ma kinitx taqbel mal-ftehim li ntħalaq frott tal-laqgħa bilaterali, għax dehrilha li dak kien ftehim politiku li l-Unjoni Ewropea riedet tilħaq bil-għan waħdieni li ttemm l-*impasse* maħluq biż-żamma mill-Ġappun ta' dik il-kwantità ta' tonn u wkoll għaliex TMFF ma kellha xejn ħażin jew illegali fit-tonn li hija bagħtet lejn il-Ġappun;

Illi jirriżulta li TMFF tħallset tat-tonn kollu li kienet bagħtet lejn il-Ġappun[12];

Illi fis-26 ta' Novembru, 2010[13], id-Direttur-Ġenerali mħarrek bagħat ittra uffiċjali lil TMFF jordnalha tħarrab jew toqtol mitejn u disgħa u għoxrin (229) ħuta jew b'kemm jiżnu 28,230.3 kilogramm ta' tonn fi żmien ġimgħa. TMFF tgħid li għal dik l-ittra uffiċjali wieġbet bi protest ġudizzjarju[14];

Illi fit-18 ta' April, 2011, TMFF fetħet din il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-kunsiderazzjonijiet ta' xejra legali marbutin mal-każ, il-Qorti qiegħda żżomm quddiem għajnejha li din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv. Il-kawżali tal-azzjoni u t-talbiet li jinbnew fuqhom jitkellmu dwar is-siwi tal-Ordni u dan fil-qafas tas-setgħat li taħthom id-Direttur imħarrek ħareġ dak l-ordni. Il-Qorti sejra tqis it-talbiet attriċi u l-eċċezzjonijiet imqajmin għalihom fid-dawl ta' dak li jista' u jmissu jsir f'azzjoni bħal din;

Illi fost it-talbiet imressqa minn TMFF, l-aħħar tnejn jitolbu lil din il-Qorti biex issib li hija ġarrbet ksur ta' xi jeddijiet fundamentali tagħha. Illum il-ġurnata huwa aċċettat illi għalkemm f'att li bih tinbeda kawża jsiru riferenzi għall-ksur ta' jeddijiet fundamentali, u għalkemm il-Qorti trid tħares id-drittijiet kollha magħduda dawk li jħarsu d-drittijiet fundamentali, xorta waħda tgħid li proċeduri li jinbdew quddiemha għandhom jitqiesu li huma proċeduri istitwiti taħt il-liġi ordinarja u mhux taħt il-proċedura li tirregola kawżi dwar ilmenti ta' ksur ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem. Jingħad ukoll li azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju ma għandhiex tieħu l-post u lanqas titqies bħallikieku kienet azzjoni kostituzzjonali (jew konvenzjonali)[15]. Minbarra dan, ir-rimedju li jista' jingħata f'kawża kostituzzjonali jidher li jkun usa' minn dak li jista' jingħata lir-rikorrenti f'kawża bħal din, jiġifieri dik ta' stħarriġ ġudizzjarju;

[12] Xhieda ta' Dr. Andreina Fenech Farruġia u ta' Dr. Anthony Gruppetta f'paġġ. 159 *tergo* u 187 *tergo* tal-proċess
[13] Dok "TMFA", f'paġġ. 8 – 9 tal-proċess
[14] Kopja jew numru ta' riferenza tal-imsemmi protest, jew meta suppost tressaq, ma hemmx fl-atti tal-kawża
[15] P.A. GCD **5.03.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġanni Farruġia et vs. Il-Kummissarju tal-Artijiet***

Illi fit-tieni lok, il-Qrati wrew li huma disposti li jikkunsidraw ilmenti relatati mad-drittijiet fundamentali f'każ fejn m'hemmx rimedju ieħor. Is-setgħat li l-liġi tagħti lill-Qrati f'azzjonijiet bħal din iridu jitwettqu fil-parametri preċiżi li tistabilixxi l-liġi speċjali. Min-naħa l-oħra, fejn din il-Qorti tissejjaħ biex twettaq is-setgħa tagħha li tistħarreġ għemil ta' xi awtorità pubblika, u x'aktarx minħabba li dan l-istħarriġ huwa r-rimedju waħdieni li jingħata lil min iħossu mġarrab b'dak l-għemil, din għandha twettaqha safejn possibbli u safejn il-liġi ma teskludihiex milli tindaħal, u għandha tagħti lill-esklużjoni tifsira mill-idjaq kontra li terħi milli twettaq is-setgħat tagħha[16];

Illi fit-tielet lok, il-Qorti tqis li l-azzjoni "ordinarja" ta' stħarriġ ġudizzjarju u dik straordinarja ta' lment dwar ksur ta' jedd fundamentali ma jmorrux flimkien. Il-Qrati tagħna diġà stħarrġu l-kwistjoni u kienu ġeneralment ċari dwarha[17];

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti m'hijiex sejra tqis **it-tmien u d-disa' talbiet attriċi**;

Illi għal dak li jirrigwarda l-**mertu tat-talbiet attriċi l-oħrajn**, joħroġ ċar li dawn huma lkoll maħsuba li jwasslu għat-tħassir tal-Ordni taħt irjus ta' lment differenti imma li jidhru li jistgħu jintrabtu ma' xulxin. Min-naħa l-oħra, l-**eċċezzjonijiet** fil-mertu mqajmin mill-imħarrkin huma maħsuba li jwaqqgħu x-xilja ewlenija ta' TMFF li d-Direttur-Ġenerali mħarrek qabżet is-setgħat li kienet tagħtiha l-liġi meta ħarġet l-imsemmi Ordni. Il-Qorti tqis li huwa siewi ħafna li, qabel ma tgħaddi biex tqis l-imsemmija talbiet u l-eċċezzjonijiet dwarhom, tippreċiża l-qafas ta' dak li wassal lill-partijiet jiftħu l-kawżi kontra xulxin fuq l-istess kwistjonijiet;

Illi jidher li l-għawġ inqala' meta t-tonn imrobbi u msemmen fil-gaġeġ f'Malta ta' TMFF wasal il-Ġappun u dak il-pajjiż żammu milli jidħol fis-suq u ħallih miżmum f'depożt ("*bond*") bla ma rrilaxxah. Irid jingħad ukoll li t-tonn miżmum ma kienx dak biss li ntbagħat minn Malta, imma minn għadd ta' pajjiżi oħrajn fl-Unjoni Ewropeja. Minn dak li ħareġ mix-xhieda fl-atti, jidher li l-Ġappun beda jara nuqqas bejn l-għadd ta' rjus ta' tonn li ddaħħal fl-istaġun 2008 u l-għadd jew piż li kien dikjarat fiċ-ċertifikati rilevanti ma' kull konsenja;

Illi l-Qorti tqis ukoll ta' siwi kbir biex jitfa' dawl fuq il-każ tal-lum din ix-xhieda mogħtija mid-Direttur-Ġenerali tad-Dipartiment tar-Regolazzjoni tal-Biedja u Sajd fiż-żmien rilevanti meta qal: "*għalkemm aħna bħala Direttorat konna ikkonċedejna perċentwali ta' varjanza*[18] *għax dehrilna li aħna dik kellha*

---

[16] App. Ċiv. **30.11.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut noe et vs Kontrollur tad-Dwana*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.377**)
[17] Ara. Kost **18.9.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Christopher Hall vs Direttur tad-Dipartiment Għall-Akkomodazzjoni Soċjali et***
[18] Qiegħed jirreferi għad-differenza bejn l-istima tal-irjus ta' tonn dikjarat u l-għadd effettiv li jkun ittella' mill-gaġeġ għall-qatla

*tkun l-interpretazzjoni tad-dokumenti tal-ICCAT – tar-rakkomandazzjonijiet ta' l-ICCAT, għax qed nitkellmu dejjem fuq stimi, dik l-interpretazzjoni ma ġietx milqugħas la mill-Kummissjoni Ewropeja u lanqas minn Stati oħra membri ta' l-ICCAT fosthom il-Ġappun li ħolqot il-blokk tal-ħut .. .. (meta l-ħut) kien laħaq telaq minn Malta. .. .. .. l-interpretazzjoni tagħna ma ġietx aċċettata in a second time. Ħadd ma tkellem qabel. Tant hu hekk li anke l-emendi tar-rakkomandazzjoni tal-ICCAT li rreferejna għalihom u li tkellimna fuqhom qabel imkien ma jagħmlu riferenza għal 'carry over fish'; imkien ma jagħmlu riferenza ta' hemmx deroga jew hemmx obbligu li l-ħut li nqabad fit-2008 li jiġi harvested fit-2009 bilfors irid isegwi r-regolamenti kollha tat-2009, għax inkella f'dak il-każ ma kienx ikun ħut tajjeb. .. .. .. ir-rakkomandazzjoni u allura konsegwenza r-regolamenti Ewropej kienu mankanti f'ċertu aspetti ta' dettal, u allura aħna interpretajna li seta' ikun hemm perċentwali ta' ħut għax qed nitkellmu fuq stima. Dan ma ġiex aċċettat, dak huwa l-kwistjoni kollha tal-argument*"[19];

Illi dan iwassal għall-kunsiderazzjoni tat-**tieni u r-raba' talbiet attriċi**. F'dawk it-talbiet, TMFF tgħid li l-Ordni nħareġ ħażin għaliex it-tonn mibgħut minnha ma kienx ħut li jagħmel mill-BCD milqut bl-Ordni u li t-tonn kollu milqut b'dak l-Ordni huwa kollu ħut maqbud u miżmum b'mod legali. Mill-provi ħareġ ċar li, kemm hu hekk, it-tonn kollu li TMFF bagħtet lejn il-Ġappun dik is-sena nħeles fis-suq ġappuniż u ma nżammx, u TMFF tħallset tiegħu ukoll. TMFF tisħaq ukoll li dak it-tonn kien ċertifikat kif imiss sa minn meta nqabad (minn sajjieda ta' pajjiżi oħrajn), meta nġab f'Malta biex jitqiegħed fil-gaġeġ għat-tismin u saħansitra meta ttella' mill-gaġeġ u nqatel u, sa dak il-waqt, ħadd (u b'mod partikolari l-awtoritajiet tas-Sajd f'Malta) ma kien widdibha jew għarrafha li dak it-tonn kien milqut b'xi ħaġa ħażina. Għall-kuntrarju, mix-xhieda mressqa mill-partijiet, jidher li t-tonn imrobbi minn TMFF kien joqgħod għal dak li kienet titlob il-liġi fis-sena li nqabad – jiġifieri l-2008;

Illi għalhekk, jekk l-Ordni nħareġ u kellu jitwettaq, TMFF tqis li tkun qiegħda ġġorr il-piż ta' għażla ta' sanzjoni fuq ħaġa li ma kienet bl-ebda mod imtebba' minn xi illegalità. Biex tkompli tgħaqqad, l-Ordni nħareġ fuq is-saħħa ta' ftehim li ntlaħaq bejn id-DG Mare u l-Ġappun f'Mejju tal-2010, meta t-tonn mibgħut minn TMFF kien ilu 'l fuq minn sena li telaq mill-kontroll tagħha. Għalkemm il-Kummissjoni Ewropea kienet intalbet titkellem f'isem il-kumpanniji ewropej kollha milquta bil-miżura, ma kinitx talbet il-qbil tagħhom meta daħlet fil-ftehim mal-Ġappun;

[19] Xhieda ta' Dr Anthony Gruppetta f'paġġ. 177 – 8 tal-proċess

Illi joħroġ ukoll li t-tonn intbagħat minn Malta wara awtorizżazzjoni tal-awtoritajiet tas-Sajd f'Malta u l-Ordni effettivament irid li jħassar b'lura dik l-awtoriżżazzjoni. L-Ordni jidher li jissejjes fuq bidliet li seħħew fir-regolamentazzjoni wara. Kemm hu hekk, ingħad bosta drabi waqt is-smigħ tax-xhieda, li r-regolamenti kienu jitbiddlu minn sena għal oħra[20]. Li jitbiddlu r-regolamenti u wkoll il-politika f'xi qasam tal-amministrazzjoni pubblika ma huwa bl-ebda mod ta' min imaqdru: l-iżjed f'oqsma bħalma huwa s-sajd ta' xi speċi mhedda, fejn ir-regolamentazzjoni taħseb għall-ħarsien u s-sostenibilità tal-istokk. Madankollu, il-Qorti tqis li jekk se tintalab tistħarreġ għemil minn xi awtorità pubblika, dan irid jitqies fid-dawl ta' dak li kienet tgħid il-liġi jew il-politika ("*policy*") fiż-żmien rilevanti[21]. Din il-Qorti ma tistax taqbel, iżda, li għemil amministrattiv (f'dan il-każ, l-Ordni) jitwettaq biex jitfa' sanzjoni (u, aktar u aktar, għaliex dak l-għemil għandu effett ta' sanzjoni) b'effett retroattiv fuq xi attività kummerċjali jew ċivili bħal dik imwettqa minn TMFF, meta dik l-attività kienet diġà approvata mill-istess awtorità pubblika fiż-żmien rilevanti. Terġa' u tgħid ix-xhieda ta' Dottor Gruppetta turi biċ-ċar ħafna li d-Dipartiment innifsu kien għamel żmien jinterpreta r-regolamenti b'mod li, mbagħad, aktar tard, ma sabx il-qbil tiegħu mill-istituzzjonijiet rilevanti tal-Unjoni Ewropeja u fuq livell internazzjonali. Imma dan ma għandux jissarraf f'kundanna ta' TMFF jew operaturi bħalha li sabu din il-bidla ma' wiċċhom żmien wara l-fatt;

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li t-tieni u r-raba' talbiet huma mistħoqqa u sejra tilqagħhom;

Illi, għalkemm sa hawnhekk, ikun biżżejjed biex tilqa' t-talba għat-tħassir tal-Ordni, il-Qorti jidhrilha li għandha tagħmel xi osservazzjonijiet ukoll dwar it-talbiet l-oħrajn, b'mod partikolari mill-**ewwel, it-tielet, il-ħames, is-sitt u s-seba' talbiet attriċi**. Fil-qosor, b'dawn it-talbiet, TMFF trid li l-Ordni jitqies illegali u bla siwi għaliex (i) it-tonn li TMFF qiegħda tintalab tħarrab jew teqred huwa kollu ħut debitament ċertifikat b'BCDs li ma jissemmewx fid-dokument mehmuż mal-ittra uffiċjali mibgħuta lilha; (ii) l-Ordni jmur kontra l-aspettattivi leġittimi tagħha għaliex it-tonn milqut b'dak l-Ordni qiegħed jinżamm u jissemmen b'mod kontrollat mill-istess awtoritajiet Maltin u b'ħarsien ta' dak li titlob il-liġi; (iii) l-Ordni jmur ukoll kontra l-aspettattivi leġittimi tagħha billi t-tonn kien esportat bis-saħħa ta' dokumenti awtoriżżati kif imiss mill-istess awtoritajiet Maltin b'mod irrevokabbli u mhux taħt l-ebda kundizzjoni; u (iv) l-Ordni jmur ukoll kontra l-aspettattivi leġittimi tagħha għaliex ma jista' jingħata l-ebda ordni bħal dak;

[20] Xhieda ta' Dr Andreina Fenech Farruġia, f'paġġ. 150 *tergo* u 151 tal-proċess

[21] P.A. TM **2.11.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Nażżareno Fenech vs Awtorita' dwar it-Trasport Pubbliku*** (mhix appellata)

Illi l-Qorti tibda biex tgħid li s-setgħat li l-liġi tagħti lid-Direttur-Ġenerali mħarrek jissemmew u jitfissru fil-liġi li bis-saħħa tagħha huwa magħruf[22], u liema setgħat jgħoddu fihom is-setgħa li jagħtu provvediment bħalma huwa l-Ordni attakkat. Għalhekk, kemm l-ewwel u kif ukoll is-seba' talbiet attriċi ma jidhrux mistħoqqa u TMFF ma ressqet 'il quddiem l-ebda argument siewi biex issostni dawk it-talbiet tagħha;

Illi għal dak li jirrigwarda t-tielet talba attriċi, huwa minnu wkoll li l-ittra uffiċjali (l-Ordni) tordna t-tħarrib u/jew il-qatla tat-tonn fl-għadd jew tal-piż imsemmi fiha "kif jirriżulta mill-BCDs speċifikati" fid-dokument mehmuż mal-istess Ordni. Mill-provi li l-Qorti sabet fl-atti, ħadd mill-partijiet ma fisser liema hija l-BCD partikolari mil-lista hekk mehmuża li tirrigwarda l-ħut li jolqot lil TMFF. Minn dak li tista' tifhem il-Qorti, madankollu, dik il-lista mehmuża mal-Ordni tirreferi għal dawk il-konsenji ta' tonn li ntbagħtu lejn il-Ġappun u mhux għal tonn li kien għadu qiegħed jitrabba u jissemmen fil-gaġeġ ta' TMFF fiż-żmien li nħareġ l-Ordni;

Illi, jekk dan huwa l-każ, mela bilfors li l-Ordni għat-tħarrib jew il-qatla tal-għadd ta' rjus ta' tonn jew il-piż ekwivalenti msemmi fl-Ordni kien jirreferi għat-tħarrib jew il-qatla ta' tonn li TMFF kienet għadha qiegħda żżomm fil-pussess tagħha fil-gaġeġ tagħha. Jidher li l-effett tal-Ordni huwa dak li jippreskrivi t-tħarrib jew il-qatla ta' tonn ekwivalenti għat-tonn iż-żejjed li l-Ġappun deherlu li kellu jwaqqaf milli jiddaħħal fil-pajjiż;

Illi l-Qorti tqis li, lil hinn mill-fatt li diġà ħareġ li l-ebda tonn mibgħut lejn il-Ġappun minn TMFF ma kien milqut minn xi żamma minn dak il-pajjiż mal-wasla tiegħu, din it-talba fadlilha biss siwi akkademiku għaliex jekk l-Ordni ma messux inħareġ fuq konsenji li, meta ntbagħtu minn Malta, ma kienu milquta bl-ebda illegalità, allura l-fatt jekk l-Ordni semmiex jew le BCDs dwar tonn li kien għadu qiegħed jitrabba u jissemmen minn TMFF hija ta' ftit li xejn rilevanza. Li kieku l-Ordni nħareġ sewwa, kien jolqot tabilfors tonn li TMFF kellha f'idejha u mhux tonn li kienet diġà ddisponiet minnu;

Illi safejn it-talbiet jitkellmu dwar effett tal-Ordni bi ħsara tal-aspettattiva leġittima ta' TMFF, il-Qorti tifhem li hemm kunsiderazzjonijiet siewja li jmisshom isiru f'dan il-każ. Il-qrati tagħna qiesu li aspettattiva leġittima toħroġ minn sitwazzjoni legali, jiġifieri kemm-il darba jkun ippruvat li l-ħaġa li ġiet imċaħħda minnha l-parti kellha jedd għaliha[23]. Fil-qasam tad-Dritt Amministrattiv, dan il-kunċett jidħol fil-qalba tal-ħarsien tal-prinċipji ta' ħaqq naturali, u għaldaqstant jintrabat mal-proċess amministrattiv li jsir (jew jonqos li

[22] Ara art. 4(1), 19 u 21 tal-Kap 425 u reg 3 tal-L.S. 425.18 (li ddaħħlet minflok ir-regolamenti ta' qabilha)
[23] Ara per eżempju P.A. (Kost) **28.11.2016**, fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Żerafa et vs Emanuel Ċilia et***; App. **27.5.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael Debono Ltd et vs MEPA et***

jsir) sa ma tittieħed deċiżjoni amministrattiva. Jidħol ukoll f'dik li bnadi oħra tissejjaħ "iċ-ċertezza tad-dritt" meta wieħed jiġi biex ikejjel ix-xiber li bih xi deċiżjoni tkun ittieħdet f'kull każ li jixbhu. Mela, fil-qies magħmul minn qorti fi stħarriġ ta' deċiżjoni bħal dik, il-kwestjoni tal-aspettattiva leġittima taf ikollha siwi ewlieni;

Illi f'dan ir-rigward inkiteb li "*Where some boon or benefit has been promised by an official (or has been regularly granted by the official in similar circumstances), that boon or benefit may be legitimately expected by those who have placed their trust in the promises of the official. It would be unfair to dash those expectations without at least granting the persons affected an opportunity to show the official why his discretion should be exercised in a way that fulfils his expectation. Hence there has developed a doctrine of the protection of legitimate expectations primarily in the context of natural justice. .. .. The doctrine is a welcome addition to the armoury of the courts in ensuring that discretions are exercised fairly. .. .. The phrase 'legitimate expectations' .. must not be allowed to collapse into an inchoate justification for judicial intervention*"[24];

Illi ngħad ukoll li "*a further and more satisfactory reason for the protection of legitimate expectations lies in the trust that has been reposed by the citizen in what he has been told or led to believe by the official. Good government depends upon trust between the governed and the governor. Unless that trust is sustained and protected, officials will not be believed and government becomes a choice between chaos and coercion*"[25]. Dan il-kliem meqjus u għaqli jitfa' fil-qafas xieraq il-pretensjonijiet ta' TMFF f'dan il-każ, aktar u aktar meta wieħed iqis li hija ressqet il-kawża tagħha fuq il-binarji tal-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju tal-għemil amministrattiv;

Illi biex aspettattiva tkun waħda leġittima jeħtieġ li jintwera li jkollha kwalitajiet partikolari li jintitolawha tgawdi mill-ħarsien tal-Qorti. Kwalità ewlenija li jrid ikollha hi li trid tkun ċara, inekwivoka u nieqsa mill-ambigwità. Trid ukoll li tkun imsejsa fuq wegħda jew prattika ta' awtorità pubblika li tista' twettaqha hi u mhux ħaddieħor. Kull aspettattiva, biex tkun leġittima, ma tridx tkun kontra xi kliem jew dispożizzjoni ta' xi liġi fis-seħħ. Aspettattiva li titnissel minn tħaddim ta' politika ('*policy*') amministrattiva partikolari, tibqa' tiswa sakemm ma titħabbarx kif imiss politika oħra minflokha li tibdilha jew tħassarha. L-aspettattiva leġittima taf titnissel minn bosta għejjun u m'għandux jitħalla li tiċċaħħad minħabba tifsir artifiċjali ta' dawk l-għejjun. Biex aspettattiva tkun leġittima, u minħabba li tissejjes fuq il-fiduċja taċ-ċittadin fit-treġija pubblika, min-naħa tiegħu ċ-ċittadin li jippretendi favurih dik l-

[24] HWR Wade & CF Forsyth _Administrative Law_ (11th Edit, 2014) pġ. 450
[25] *Ibid.* pġ. 451

aspettattiva jrid iġib ruħu b'ħaqq mal-istess awtorità u ma jżomm xejn mistur minnha. Iżda aspettattiva ma tistax tkun 'leġittima' jekk it-twettiq tagħha jitlob li min jieħu d-deċiżjoni jagħmel dan bi ksur tal-liġi;

Illi jekk wieħed kellu jqis sewwa l-prinċipji li għadhom kemm issemmew, malajr jasal biex jgħid li TMFF tabilħaqq kellha aspettattiva leġittima li l-esportazzjoni ta' konsenji ta' tonn ma kellhom jiltaqgħu mal-ebda intopp u, wisq anqas, li aktar 'il quddiem kienet se ġġarrab xi sanzjoni dwarhom;

Illi f'dan ir-rigward, meta attività bħal dik imwettqa minn TMFF kellha l-"barka" (billi kienet debitament ċertifikata) mill-istess awtoritajiet imħarrkin, wieħed isibha iebsa ħafna biex jgħid li, dak li sar wara b'daqqa ta' pinna (ukoll jekk minn awtoritajiet Komunitarji) seta' jġib ħażin dak li kien meqjus tajjeb u approvat meta sar. Lanqas ma jidher li hija mġiba raġonevoli dik tad-Direttur-Ġenerali mħarrek fejn, l-ewwel iqis li l-esportazzjoni tat-tonn kienet sewwa u skont il-liġi u r-regolamenti fiż-żmien li saret u mbagħad, idawwar dik il-fehma billi jagħmel Ordni li jmur għal kollox kontra dak li kien jaqbel miegħu qabel u dan wara li l-għemil minnu awtorizzat kien laħaq twettaq żmien konsiderevoli qabel;

Illi għalkemm jista' jkun li l-Ordni nħareġ mid-Direttur-Ġenerali mħarrek għaliex il-liġi tagħtih is-setgħa li joħroġ ordni bħal dak, il-ħruġ tal-Ordni ma kienx wieħed raġonevoli (kemm hu hekk, jidher li dak l-Ordni ssejjes fuq xi direzzjoni li ngħatat lill-imħarrek mill-awtoritajiet Komunitarji, u mhux il-frott ta' dixxerniment jew diskrezzjoni mnedija minnu) u msejjes fuq kunsiderazzjonijiet li, sal-waqt li nħareġ, ma kinux rilevanti. Għalhekk, hemm raġunijiet tajba biex iwasslu għan-nuqqas ta' siwi tiegħu;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tasal għall-fehma li, safejn għandu x'jaqsam mat-tielet, il-ħames u s-sitt talbiet attriċi, dawn huma mistħoqqa u l-Ordni attakkat għandu wkoll jitqies li huwa bla siwi;

Illi fl-aħħarnett, għalkemm l-azzjoni attriċi tressqet ukoll kontra l-Avukat tal-Istat, għandu joħroġ ċar mill-atti tal-kawża li huwa tħarrek għal xejn għaliex ma ntweriex li huwa b'xi mod kellu sehem fil-ħruġ tal-Ordni attakkat jew li xi wieħed mill-ilmenti jew xi waħda mit-talbiet attriċi tista' titressaq kontrih biex jagħtiha rimedju. Id-Direttur-Ġenerali mħarrek waħdu għandu l-leġittimazzjoni passiva għall-azzjoni attriċi. Għalhekk, l-imħarrek Avukat tal-Istat sejjer jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju u l-ispejjeż tiegħu tħallashom il-kumpannija attriċi li ħarrkitu bla ma kien hemm bżonn;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Teħles** lill-imħarrek Avukat tal-Istat mill-ħarsien tal-ġudizzju, għaliex m'huwiex il-leġittimu kontradittur tal-azzjoni attriċi, bi spejjeż għall-istess kumpannija attriċi;

**Tastjeni milli tqis it-tmien u d-disa' talbiet attriċi** għaliex talbiet bħal dawk m'huwiex posthom f'azzjoni bħal dik tal-lum;

**Tilqa' t-tieni, ir-raba', il-ħames u s-sitt talbiet attriċi** u ssib li l-Ordni maħruġ mid-Direttur-Ġenerali mħarrek fl-ittra uffiċjali tiegħu tat-23 ta' Novembru, 2010, ma jiswiex u huwa bla ebda effett għar-raġunijiet imsemmija fl-istess talbiet;

**Tiċħad l-ewwel, it-tielet u s-seba' talbiet attriċi** għaliex m'humiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** fil-mertu tad-Direttur-Ġenerali mħarrek, safejn jirrigwardaw it-talbiet attriċi li ntlaqgħu, għaliex m'humiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

**Tordna** li l-imħarrek Direttur-Ġenerali jħallas l-**ispejjeż tal-kawża**, ħlief għal dawk marbuta mal-imħarrek Avukat tal-Istat, li għandha tagħmel tajjeb għalihom il-kumpannija attriċi.

**Moqrija**

**Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**26 ta' Marzu, 2024**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**